MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2009

Numru 701/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**

**KONTRA**

**GIUSEPPE GELSOMINO**
**ANTONIO MARLETTA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Giuseppe Gelsomino ta' 18 sena, bin Rosario u Francesca nee' Quatrocci, mwieled Catania nhar id- 19 ta' Settembru 1990 u residenti temporarjament Malta 830, St. George's Park, Triq id- Dragunara, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru AO 6170587;

U

Antonio Marletta ta’ 17 sena, bin Rosario u Silvia nee’ Cosentino, mwieled Catania nhar il- 5 ta’ Novembru 1991 u residenti temporarjament Malta, 830, St. George’s Park, Triq id- Dragunara, San Giljan u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru AR 0579266;

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’dawn il- Gzejjer, ghall- habta tal- 4.00am ta’ nhar l-20 ta’ Lulju 2009, minn gewwa l- lukana St. George’s Park, San Giljan, ikkommettew serq ta’ flus kontanti li l-valur taghhom jammonta ghal €1,300, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jaqbez il-mitejn, tlitt mija w disgha u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li hu inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329.37) u bil- hin, ghad- dannu ta’ Mohamed Alami u Belghiti Mohammed.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 279 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------